**Il-vittmi m'għandhomx jiġu umiljati f'każijiet ta' vjolenza sesswali**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) tinsab imħassba ħafna dwar is-sentenza li ngħatat riċentament mill-Qorti fil-każ ta' allegat stupru u fastidju sesswali, fejn ingħatat attenzjoni partikolari lill-imġiba sesswali u l-personalità tal-allegati vittmi. L-akkużat ġie liberat minn tlieta minn erba' akkużi, inkluż dak ta' stupru, u nstab ħati fuq l-akkuża ta' fastidju.

Lil hinn minn dan il-każ speċifiku, mistoqsijiet dwar l-imġiba sesswali tal-passat jew tal-preżent, fil-kuntest ta' kawżi tal-Qorti li jittrattaw stupru u forom oħra ta' vjolenza sesswali, iservu biss biex jumiljaw lill-allegati vittmi u jwarrbu l-verżjoni tagħhom tal-avvenimenti, mingħajr ma jitfgħu dawl fuq l-okkorrenza tar-reat jew mod ieħor.

Meta jiġri dan, mhux biss il-vittma ssir l-akkużata, iżda kunsiderazzjonijiet irrelevanti bħal dawn, flimkien ma' perċezzjonijiet sessisti, jistgħu faċilment iwasslu biex min iwettaq ir-reat jinħeles. Għandu jiġi enfasizzat li att sesswali mhux mixtieq huwa reat irrispettivament mill-esperjenza sesswali, l-istil tal-ħajja u l-karatteristiċi tal-personalità tal-vittma.

Il-vjolenza sesswali hija eżerċizzju ta' poter u kontroll fejn, ħafna drabi, il-vittmi jesperjenzaw sens qawwi ta' biża' u sens ta' impotenza. Din ir-realtà twassal biex ħafna mill-każijiet ta' vjolenza sesswali jibqgħu mhux irrappurtati. L-NCPE, bħala l-korp nazzjonali tal-ugwaljanza li jista' jinvestiga każijiet ta' fastidju sesswali fl-impjiegi, l-edukazzjoni u l-provvista ta' oġġetti u servizzi, tista' tgħid mill-esperjenza li jkollha b'mod dirett mal-vittmi d-diffikultà li dawn ikollhom biex jirrapurtaw każ ta' fastidju sesswali. Ħafna persuni li jesperjenzaw fastidju sesswali ma jirrappurtawx il-każ tagħhom minħabba l-biża' tal-aggressur, biża' li ma jitwemmnux, biża' ta' umiljanzi fl-isfera pubblika u biża' ta' konsegwenzi fuq l-impjieg u l-ħajja privata tagħhom.

Jekk l-istituzzjonijiet ma jipprevenux b'mod attiv l-umiljazzjoni tal-vittmi, ikunu qed jibagħtu messaġġ negattiv ħafna lil dawk li qed jaħsbuha jekk jirrappurtawx jew le l-vjolenza sesswali. Kemm l-allegata vittma kif ukoll l-akkużat għandhom id-dritt għal proċess ġust, u kulħadd – il-pulizija, il-Qrati tal-Ġustizzja, il-prosekuzzjoni u d-difiża – għandu r-responsabbiltà jiżgura li persuni li jirrappurtaw vjolenza sesswali ma jiġux vittimizzati mill-ġdid matul dan il-proċess.

**24 ta' Marzu 2023**